MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1959/2004

**A & B Properties Limited
Vs
Reno Psaila**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-20 ta’ Ottubru, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta’ Lm 300 (tliet mitt lira Maltija) rappreżentanti drittijiet mediċi u spejjeż oħra in konnessjoni ma’ intervent kirurġiku li sar fil-klinika St. Mark’s Health Centre, Msida.

Fl-Avviż tat-talba intqal :-

Illi l-konvenut għandu jħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ tliet mitt lira Maltija (Lm 300) rappreżentanti drittijiet mediċi u spejjeż oħra in konnessjoni ma’ intervent kirurġiku li sar fil-klinika St. Mark’s Health Centre, Msida.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekoribbli mill-20 ta' Jannar, 2004 u bil-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad :-

Illi l-ammont pretiż mhux dovut stante billi s-soċjeta' attriċi kienet talbet ammont inferjuri mill-konvenuti fil-kont li ntbagħat oriġinalment.

Illi fi kwalsiasi każ l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut billi l-atturi ma qdewx dmirijiethom skond is-sengħa u l-arti u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Fil-fatt l-intervent imwettaq mill-atturi kien inutili, tort ta' l-istess atturi jew impjegati tagħha, u l-konvenut kellu jirrikorri band'oħra għal kura li finalment ingħatatlu.

Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talba attriċi tikkonċerna talba għall-ħlas wara servizzi li ġew prestati lill-konvenut mis-soċjeta` attriċi fil-Clinic Saint Mark's Centre ta' l-Imsida.

Il-konvenut mhux qed jallega li l-intervent ma sarlux imma sarlu mod u manjiera li ma kienx għall-pjaċiment u godiment tiegħu u anki l-ambjent ma kienx wieħed salutevoli.

Ili wara l-ewwel pagament mill-konvenut, is-soċjeta` attriċi kellha tirriduċi s-somma minn tlett mija (Lm 300) għal mitejn u ħamsin lira (Lm 250). Pero` l-kawża odjerna saret għall-ammont kollu billi dan ma ġiex aċċettat mill-konvenut.

Il-konvenut veru li ma kienx sodisfatt bis-servizz lilu mogħti pero` qed jippretendi li ma jħallas xejn.

Mil-lat ta' ekwita t-Tribunal qed jiffissa s-somma ta' mitejn lira (Lm 200) u għalhekk jitnaqqsu l-ewwel ħamsin lira Maltija (Lm 50) provduti mis-soċjeta` attriċi u ħamsin lira Maltija (Lm 50) oħra in vista tal-lament tal-konvenut.

Jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt illi jilqa' t-talba attriċi limitatament ghas-somma ta' mitejn lira Maltija u jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut limitatament għas-somma ta' mitejn lira Maltija u jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mitejn lira (Lm 200) bl-interessi pagabbli mil-lum. Il-kap ta' l-ispejjeż kull parti għandha ssofri l-parti tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------